Imla l-vojt f'dan il-paragrafu billi tikteb aġġettiv li jaqbel man-nom.

kwiet	kbira	bnin	sofor	żgħir	ħomor
għolja	tqal	mdaqqsa	tajjeb	ikkuluriti	sabiħ

Dakinhar li l-familja ta' Clara marret il-piknik, kien hemm ħafna nies il-Buskett u kien hemm xi storbju wkoll. Għalhekk huma sabu post għall-_____ u qagħdu hemm. Viċin tagħhom kien hemm siġra tassew _____ u ħafna ġebel _____. Ftit 'il bogħod minnhom setgħu jaraw xi fjuri _____ u _____. Malli qabadhom il-ġuħ bdew jieklu imma wara ftit ħin ħadu sorpriża _____. Huma raw liz-zijiet u l-kuġini l-oħrajn resqin lejhom. Kienu waslu z-ziju Thomas u z-zija Christine flimkien mal-kuġini Mikela u Matthew. Kemm ferħu malli rawhom! Huma kienu mgħobbijin sa ruħ ommhom u kellhom żewġ basktijiet _____ mimlijin ikel. Huma ġabu wkoll gverta _____ biex ikunu jistgħu joqogħdu bilqiegħda fuqha. Kellhom ukoll brieret _____ f'rashom minħabba x-xemx. Iz-zija kienet għamlet ftit ħelu _____ kif taf tagħmel hi għal għeluq snin in-nanna, fosthom kejk tassew _____ u _____.

LIVEWORKSHEETS

LIVEWORKSHEETS

LIVEWORKSHEETS